# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 18**

**Rikors numru 180/18/1 LM**

**Lawrence Camilleri u Joanne Camilleri għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Construct Furniture Company Limited (C 11786)**

1. B'din is-sentenza ser jiġi deċiż l-appell tal-konvenuta mis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2022 li biha l-Qorti Ċivili, Prim' Awla kkundannata tħallas lill-attur is-somma ta' €81,616.32 danni li sofra fuq il-post tax-xogħol.

2. Il-kawża titratta dwar inċident li seħħ fis-16 ta' April 2015 fuq il-post tax-xogħol fejn l-attur kien jaħdem bħala *machine operator*. Fil-ħin tal-inċident kien qiegħed jaħdem fuq magna li taqta' u tfassal injam sabiex isiru xambrelli għall-

bibien. Il-magna magħrufa bħala *Computer Numerical Controller* taħdem permezz ta' programmi b'tipi differenti ta' xogħol li jkun ser isir. Waqt li l-attur kien qiegħed iħaddem il-magna, idejh spiċċat fil-parti fejn isir il-qtugħ tal-injam bil-konsegwenza li ntlaqgħtet idu u tilef il-werrej tas-subgħa ta' idu l-leminija u għamel ħsara fis-subgħa ta' ħdejh.

3. Kien għalhekk li fis-26 ta' Frar 2018 l-atturi fetħu l-kawża u talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara s-soċjetà Construct Furniture Company Limited (C11786) responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tal-esponenti Lawrence Camilleri nhar is-sittax (16) ta' April, tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u għad-danni kollha illi b'riżultat tal-istess sofra u għadu qed isofri;*
>
> *2.Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata Construct Furniture Company Limited (C11786) tħallas lir-rikorrenti dawk l-ammonti hekk likwidati u dikjarati ħbħala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser".*

4. Min-naħa tagħha l-konvenuta wieġbet li m'għandha l-ebda ħtija għal dak li ġara u li f'kull każ l-attur għandu jagħmel prova tad-danni li jgħid li sofra, inkluż li d-debilita` permanenti li qiegħed jgħid li sofra hi riżultat tal-ġrieħi li sofra fl-inċident u mhux minħabba kundizzjoni medika li kellu qabel.

5. Bis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2022 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:*
>
> *1. Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, u tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tagħha;*

*2. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, u tiddikjara li s-soċjetà intimata hija parzjalment responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, fejn il-grad ta' responsabbilità li għandha ġġorr is-soċjetà intimata huwa ta' 85%;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' wieħed u tmenin elf, sitt mija u sittax-il Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€81,616.32);*

*4. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent l-ammont ta' danni hekk kif likwidat, bl-ispejjeż kollha tal-kawża.*

*Bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà intimata sad-data tal-ħlas effettiv".*

6. Fis-sentenza l-ewwel Qorti rraġunat:

*"25. Din il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, u dak li ntqal mix-xhieda, kif ukoll ir-rapporti li ħejjew l-esperti ġudizzjarji. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Espert Tekniku Ġudizzjarju l-Inġinier John Scerri, għamel xejn anqas minn erba' żjarat fil-fabbrika tas-soċjetà intimata, ikkonstata kif isir ix-xogħol, għamel għadd ta' simulazzjonijiet sabiex jifhem kif seħħet id-dinamika tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll ħejja rapport dettaljat b'diversi rakkomandazzjonijiet li fil-fehma tiegħu s-soċjetà intimata għandha tadotta sabiex tilqa' għan-nuqqasijiet ikkonstatati. Dan kollu wassal lill-Qorti biex tagħmel tagħha l-konklużjonijiet milħuqa mill-Ing. John Scerri dwar x'ikkawża l-inċident in kwistjoni. L-Inġinier Scerri kien konvinċenti wkoll u dettaljat fl-ispjegazzjonijiet li ta għad-domandi li sarulu waqt l-eskussjoni.*

*26. Il-Qorti tqis li r-rikorrent weġġa' fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, wara li kien ilu impjegat ma' din il-kumpannija għal diversi snin, u għalhekk kellu ċerta esperjenza tal-prattiki tax-xogħol u ta' dak li kien mistenni minnu, partikolarment f'dik li hija produzzjoni. L-inċident li wassal biex ir-rikorrent tilef is-saba' l-werrej fl-id id-dominanti tiegħu, u li eventwalment għalhekk spiċċa wasslu wkoll biex tilef l-impjieg li kellu, seħħ meta r-rikorrent kien qiegħed jagħmel xogħol ta' qtugħ tal-injam b'magna partikolari. Fir-rapport tal-Espert Tekniku Ġudizzjarju John Scerri ġie kkonstatat li l-inċident seħħ għaliex kien hemm parti mis-safety features tal-magna li ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost. Esponenti tas-soċjetà intimata, waqt id-depożizzjoni tagħhom, qalu li ma setgħux jifhmu kif seħħ l-inċident, partikolarment għaliex din il-magna għandha diversi safety features. Imma kif wera l-Espert Tekniku Ġudizzjarju John Scerri, li għamel diversi simulazzjonijiet b'din l-istess magna sabiex seta' jasal għall-konklużjonijiet tiegħu, is-safety features tal-magna setgħu jiġu sorvolati faċilment minn min ikun qiegħed iħaddem il-magna.*

*27. L-Inġinier John Scerri elenka diversi nuqqasijiet gravi min-naħa tas-soċjetà intimata għal dik li hija s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, u stabbilixxa li l-motion sensor ma kienx effettiv biex iwaqqaf il-magna milli tkompli għaddejja. Fil-fehma tal-Inġinier John Scerri, kien hemm riskju li ma ġiex stmat biżżejjed mis-soċjetà intimata, u kien hemm safety checks li*

*kellhom jiġu attwati mis-soċjetà intimata, iżda li ma sarux jew ma sarux kif suppost. Il-managing director tas-soċjetà intimata xehed li wara l-inċident, il-kumpannija kienet għamlet modifika fil-magna sabiex min ikun qiegħed iħaddimha ma jkunx jista' jissorpassa s-safety features li fiha. L-Ing. John Scerri fir-rapport tiegħu ssenjala nuqqasijiet oħra tas-soċjetà intimata, fosthom il-fatt li r-rikorrent ma ngħata l-ebda taħriġ formali dwar kif għandu juża l-magna, għajr għal taħriġ li ngħata mid-diretturi tal-kumpannija, u dan meta huma stess ma kellhom l-ebda ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward, imma fix-xhieda tagħhom qalu li huma ntwerew kif għandhom jużaw il-magna mingħand min xtrawha. L-Inġinier Scerri kkonstata wkoll li ma kien hemm l-ebda dokument li juri li tali taħriġ ingħata, u l-ħaddiema ma kinux lebsin PPE adegwat fuq il-lant tax-xogħol, almenu fl-ewwel żewġ okkażjonijiet meta huwa żar il-fabbrika tas-soċjetà intimata, u s-soċjetà intimata ma kinitx tieħu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' ħaddiema li jonqsu milli josservaw ir-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jikkorrobora dak li qal ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu, li għajr għal safety shoes, il-ħaddiema ma kienux jintalbu jilbsu l-ebda ilbies protettiv ieħor. L-Inġinier John Scerri kkonstata wkoll li wara l-inċident in kwistjoni, il-kumpannija ma għamlet l-ebda risk analysis, u ma kien hemm l-ebda equipment inspection report disponibbli li seta' faċilment jingħatalu. L-Inġinier Scerri kkonkluda li dan l-inċident fuq il-post tax-xogħol kien possibbli li jseħħ għax ma kinitx qed tiġi adoperata a safe system of work, u l-kawża prossima tal-inċident kienet li l-pożizzjoni tal-motion sensors tal-magna li kien qiegħed jaħdem fuqha r-rikorrent, li għal dak li jirrigwarda l-għoli u d-distanza bogħod mix-xafra tal-magna, mhumiex effettivi għal persuna ta' statura kbira jew twila.*

*28. L-Espert Tekniku Ġudizzjaru l-Inġinier Scerri qal li r-responsabbilità għall-inċident għandha tiġi apporzjonata fil-grad ta' 85% għas-soċjetà intimata u 15% għar-rikorrent, għaliex ir-rikorrent kellu r-responsabbilità li jinforma lid-diriġenti tas-soċjetà intimata li t-taħriġ li ngħata ma kienx adegwat, u li l-magna li kien qiegħed iħaddem ma kinitx tipprovdilu l-aħjar sistema ta' sigurtà għalih. Il-Qorti hija tal-istess fehma, anki jekk l-Espert Tekniku Ġudizzjarju biddel il-pożizzjoni tiegħu dwar kif għandha tiġi apporzjonata r-responsabbilità għall-inċident, mir-rapport oriġinali tiegħu, għar-risposti li ta għad-domandi li sarulu in eskussjoni. Ċertament li l-grad ta' responsabbilità tal-impjegat li naqas milli jinforma lid-diriġenti tal-kumpannija li ma kienx komdu jaħdem b'magna partikolari, ma jistax jingħata l-istess piż li għandu jintrefa' mis-soċjetà intimata, li ġie stabbilit li kellha diversi nuqqasijiet fl-operat tagħha partikolarment fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-Qorti tirrileva li l-pożizzjoni tal-impjegat meta kien jiġi biex jinnegozja ma' min jimpjegah, kienet aktar dgħajfa minn dik tal-prinċipal tiegħu, u f'dan il-każ is-soċjetà intimata naqset ferm meta tefgħet l-piż tar-responsabbilità għas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fuq l-operaturi tal-magni. Fl-ewwel lok, is-soċjetà intimata kellha tassigura li l-magni li tipprovdi lill-ħaddiema tagħha sabiex jaħdmu bihom, ikunu mgħammra bl-aqwa safety features li jeżistu, u jkunu konformi mad-direttivi u l-liġijiet kollha fis-seħħ. Ma jistax ikun li wara inċident bħal dan, id-diriġenti tas-soċjetà intimata ħassewhom ġustifikati li ma jaġġustawx il-livell ta' riskju fil-fabbrika tagħhom, bħal ma naqsu milli jagħmlu risk analysis ġdid sabiex jaraw inċidenti simili fil-futur kif jistgħu jiġu evitati. Dawn huma kollha nuqqasijiet li jikkontribwixxu għal inċidenti bħal dak mertu ta' dawn il-proċeduri,*

*bil-konsegwenzi kollha li jkollha tiffaċċja l-parti mġarrba għall-kumplament ta' ħajjitha.*

............

*30. Applikati l-prinċipji li joħorġu mill-artikolu 4(2) tal-Kap. 424 għall-każ odjern, evidentement is-soċjetà intimata naqset milli tosserva diversi minn dawn ir-rekwiżiti, partikolarment fejn jidħol l-obbligu tagħha li tikkontrolla r-riskji li ma jistgħux jiġu evitati, kif ukoll li tieħu l-miżuri neċessarji biex jitnaqqas ir-riskju fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti iżda sejra ssegwi l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-Inġinier Scerri, u sejra tapporzjona l-grad ta' responsabbilità għall-inċident in kwistjoni bejn is-soċjetà intimata u r-rikorrent, fil-proporzjon ta' 85%-15%.*

...........

*35. Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien mistenni jirċievi l-attur mis-soċjetà intimata, is-salarju tiegħu għas-sena 2014 għaliex l-inċident in kwistjoni seħħ relattivament kmieni fis-sena 2015, u għalhekk l-FS3 tiegħu għal dik is-sena, li matulha r-rikorrent għamel żmien rikoverat, ma tirriflettix id-dħul attwali tiegħu f'sena ta' xogħol mingħajr interruzzjonijiet. Fl-2014 id-dħul gross tar-rikorrent kien fl-ammont ta' €14,340, li minnhom kien hemm ħlas ta' €1,239 f'taxxi u €1,028.65 f'kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Dan ifisser dħul nett ta' €12,072.35. Din il-paga trid tiġi aġġustata abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-multiplier li ser tistabbilixxi din il-Qorti, abbażi tar-rata tal-inflazzjoni stabbilita bħala l-medja fuq perijodu ta' ħames snin. Il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' 24, tenut kont li meta seħħ l-inċident ir-rikorrent kellu l-età ta' 39 sena, u għalhekk kellu tal-anqas 26 sena oħra ta' xogħol quddiemu. Dan ifisser li fuq medda ta' 24 sena, il-paga tal-attur kienet ser tiżdied għal madwar €15,491,23. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja ta' dan, €12,072.35 + €15,491,23 / 2 , il-paga medja li kien mistenni li jirċievi l-attur għas-snin li ġejjin tkun ta'* ***€13,781.79.*** *Dan l-ammont irid jiġi aġġustat ukoll skont ir-rata tal-inflazzjoni, li bħala medja fil-ħames snin ta' wara l-inċident kienet ta' 1.18% fis-sena (1.1% fl-2015; 0.64% fl-2016; 1.37% fl-2017; 1.16% fl-2018 u 1.64% fl-2019), sabiex b'hekk is-salarju medju tal-attur kien mistenni li jiżdied għal* **€17,684.79** *matul il-ħajja lavorattiva tiegħu.*

*36. Kwantu għall-grad ta' debilità permanenti sofferta mir-rikorrent konsegwenza tal-inċident, il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq il-konklużjonijiet raġġunti mill-esperti mediċi ġudizzjarji, li eżaminaw lir-rikorrent fl-aħħar xhur u li kkonstataw li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 10% bħala debilità fiżika, u ta' 20% bħala debilità psikoloġika.*

..............

*37. L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas b'20% għaliex il-ħlas ser isir f'darba. F'diversi kawżi li ħadu għadd ta' snin biex jinqatgħu, il-Qorti ħasset li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża kellha eżitu finali, iżda fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tqis li m'għandux ikun hemm tnaqqis minħabba d-dewmien fil-komputazzjoni finali, u għaliex l-inċident seħħ*

> *fis-sena 2015, u dawn il-proċeduri inbdew madwar sentejn wara. It-tul li ħadu dawn il-proċeduri ma jistax jiġi attribwit lil xi nuqqas ta' parti jew oħra, tenut kont li dawn il-Qrati għamlu żmien weqfin minħabba l-prekawzjonijiet li kellhom jittieħdu minħabba l-pandemija tal-Covid-19, u għalhekk fil-każ odjern il-Qorti m'hija ser tagħmel l-ebda tnaqqis għal dewmien.*
>
> *38. Għaldaqstant, ikkunsidrata l-medja tal-paga tar-rikorrent aġġustata skont l-inflazzjoni u ż-żidiet annwali fil-paga (€17,684.79), multiplikata b'multiplier ta' 24, u meta wieħed jikkonsidra l-grad ta' diżabilità fil-perċentwali ta' 28%, jagħti l-ammont ta' €118,841.78. Bit-tnaqqis ta' 20% ta' dan l-ammont minħabba li l-ħlas ser isir f'pagament ta' darba, iwassal għal kumpens ta' €95,073.43, li minnu s-soċjetà intimata qiegħda ġġorr responsabbilità ta' 85%, li jwassal għal ċifra ta' €80,812.42. Dan l-ammont, flimkien mad-danni materjali, li skont ir-rikorrent jammontaw għal €803.90, jagħti total ta'* ***€81,616.32*"*.**

7. Imbagħad fl-24 ta' Frar 2022 il-konvenuta appellat mis-sentenza u talbet lill-ewwel Qorti sabiex tħassar is-sentenza u tiċħad it-talbiet tal-atturi u tiddikjara li l-attur hu unikament responsabbli għal dak li ġara, u fin-nuqqas tvarja l-grad ta' responsabbilta` u tillikwida d-danni f'ammont inqas.

8. L-atturi wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**:

9. Fl-ewwel aggravju l-konvenuta argumentat li l-inċident ġara tort tal-konvenut għaliex poġġa jdejh f'parti tal-magna fejn mhux suppost waqt li tkun qed taqta' l-injam. Issostni li l-attur poġġa lilu nnifsu *'in harm's way'* mingħajr raġuni, u li r-riskju ma kienx wieħed prevedibbli peress li mhux mistenna li l-*machine operator* ser ipoġġi idu f'post ta' riskju. Qalet ukoll li l-ewwel Qorti ma

kellhiex tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq l-apporzjonament ta' responsabbilta` li għamel il-perit tekniku. Ukoll jekk fl-agħar ipoteżi l-konvenuta għandha xi ħtija, pero` l-ħtija kontributorja tal-attur għandha tkun iktar minn 15%.

10. Hu evidenti li l-ewwel Qorti straħet fuq il-fehma tal-perit tekniku bi tweġiba għad-domandi tal-atturi, fis-sens li 85% tar-responsabbilta` hi tal-konvenuta għaliex *".... ma ħaditx prekawzjonijiet biżżejjed, u ma kkonfermatx li l-proċeduri li kellha kienu effettivi biex jevitaw inċidenti simili"*, mentri 15% hi tal-attur għaliex *".... kellu d-dmir javża l-management li ma ngħatax it-taħriġ neċessarju biex jaħdem fuq il-magna, u jekk il-management naqas li jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji, kellu d-dmir ukoll jinforma l-awtoritajiet bħal Department of Labour/Department of Health & Safety b'dan in-nuqqas"*.

11. Fil-fehma tal-Qorti, kwistjoni ta' responsabbilta` għandha tiġi deċiża mill-Qorti a bażi tal-apprezzament tal-provi. Il-perit tekniku, għalkemm wieġeb għad-domandi li sarulu, inħatar sabiex:

> *"..... ifittex u jirrelata dwar il-mod kif tiġi ssetjata l-magna meritu tal-kawża, dwar kif din tiffunzjona u kif tiġi operata mill-machine operator, dwar x'safety features għandha u dwar x'faults setgħu jiżviluppaw bit-tħaddim tagħha u jagħmel l-osservazzjonijiet tekniċi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ"* (fol. 247).

12. Fir-rapport li ppreżenta l-perit tekniku kkonkluda li *"r-responsabbilta` ta' dan l-inċident għandhom jerfgħuh iż-żewġ partijiet"* (fol. 266):

i. Il-magna ma taħdimx jekk is-*sensors* li għandha ma jkunux *aligned*.

ii. Is-*sensors* huma viċini wisq lejn il-post fejn jinqata' l-injam u allura hemm riskju għoli li *machine operator* minħabba nuqqas ta' attenzjoni, jista' jdaħħal idejh ma' dik il-parti tal-magna fejn qiegħed jinqata' l-injam mingħajr ma jaqsam il-linja virtwali.

iii. Ir-riskju li jissemma f'para (ii) ma ġiex meqjus biżżejjed mir-*risk analysis* li sar mit-tekniċi tal-kumpanija, u r-responsabbilta` tas-*safety checks* tpoġġew fuq il-*machine operators*.

13. Hu evidenti li l-magna li fuqha kien qiegħed jaħdem l-attur hi mikxufa u l-għan wara s-*sensors* hu li l-ħaddiem ma jersaqx lejn dik il-parti tal-magna fejn jinqata' l-injam. Jekk jaqsam dik il-linja virtwali, li wara l-inċident ġiet immarkata b'żebgħa mal-art (ara ritratti a fol. 268 u 269), il-magna tieqaf.

14. Kif sewwa osserva l-perit tekniku hu evidenti li r-*risk analysis* li sar fuq il-magna ma kkonsidrax is-sitwazzjoni fejn l-operatur joħroġ idejh għal fejn qed jinqata' l-injam u li qiegħed f'livell iktar ogħli minn fejn hemm is-*sensors*. Eżerċizzju li kien hemm bżonn li jsir iktar u iktar meta tikkonsidra li ġol fabbrika jkun hemm pressjoni fuq il-ħaddiema biex itellgħu l-*production*. Dan apparti li m'hemmx provi li matul iż-żmien il-ħaddiema kienu qegħdin jingħataw taħriġ dwar is-sigurta` fuq il-magni. Magni li min-natura tagħhom iġibu magħhom il-periklu għall-ħaddiem minħabba n-natura tax-xogħol li jagħmlu.

15. Min-naħa l-oħra l-attur ma setax ma kienx jaf li waqt il-qtugħ tal-injam ma kellux ipoġġi jdejh f'dik il-parti tal-magna. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-attur kien qiegħed jaħdem fuqha. L-attur kien ilu jaħdem mal-konvenuta minn sittax-il sena (twieled fl-1976) u mis-sena 2015 beda jaħdem bħala *machine operator*. Hu stess ikkonferma li kellu esperjenza vasta mal-kumpanija u kien kapaċi jagħmel ix-xogħol kollu, ukoll xogħol ta' mastrudaxxa. Spjega wkoll li kien ilu madwar 6 xhur jaħdem fuq il-magna in kwistjoni u żewġ magni oħra li jintużaw għall-manifattura tal-bibien.

16. Fl-affidavit (fol. 43) kull ma qal l-attur dwar l-inċident kien:

> *"10. Jien kont ili xhur naħdem fuq din il-magna, u nippreċiża illi dakinhar jien weġġajt eżatt kif bdejt naħdem fuq it-tielet magna, fix-xhur illi dejjem aħna ħdimna fuq il-magna, din il-magna għandha xafra li dejjem tibda ddur mix-xellug. Iżda dakinhar, hekk kif inxtgħelet, u jien kont qed nagħmel l-istess xogħol tal-ġurnata ta' qabel, għal xi raġuni, ix-xafra bdiet mil-lemin, bil-konsegwenza illi qabditli idejja l-leminija"*.

17. Minn dak li qal il-perit tekniku fir-rapport u in eskussjoni, irriżulta li dak li rrakkonta l-attur ma setax ġara. Hekk per eżempju fir-rapport il-perit tekniku spjega kif taħdem (fol. 263):

> *"Xogħol il-machine operator huwa li jagħżel il-programm skond il-job card, ipoġġi l-injama fuq il-magna u jikklampja l-injama fil-post permezz ta' foot pedal, li qiegħa mal-art. Hemm żewg pedals, waħda fuq ix-xellug u oħra fuq il-lemin tal-magna. Imbagħġad jagħfas il-buttuna ħadra (START) fuq il-lemin jew fuq i-xellug, skond mil-liema naħa ser tibda taqta' l-injama...... Meta l-magna tkun qatgħet jew fasslet l-injama skont ir-riċetta tieqaf waħeda. Imbagħad il-machine operator ineħħi l-injama maqtugħa u jpoġġi oħra, u hekk jerġa' jibda ċiklu billi jikklampja l-injama ġdida fil-post permess tal-foot pedal, u jerġa' jagħfas il-buttuna ħadra (START) biex tibda topera l-magna"*.

18. Suppost meta l-attur għafas il-buttuna l-ħadra, kien wara l-linja virtwali tas-*sensors*. Biex seħħ dan l-inċident bilfors li l-attur kien qiegħed jagħmel moviment b'idejh viċin fejn il-magna kienet qiegħda taqta' l-injam. Il-perit tekniku stess qal (fol. 264):

> *"e. Waqt li kont qed nagħmel dan it-test (d), rajt illi l-posizzjoni tal-motion sensors (75cm 'il fuq mill-art u 64cm 'il bogħod mill-injam u x-xafra tal-magna) kienet tali li wieħed seta' jtawwal idejh għal fuq l-injama mingħajr ma jgħaddi minn quddiem il-linja virtwali taż-żewġ motion sensors. B'hekk dan il-motion sensor ma jkunx effettiv biex iwaqqaf il-magna. Din il-possibilita' hija reali"*.

19. Għalkemm il-perit tekniku qal li biex tagħmel dik it-tip ta' manuvra *"tista' tkun posizzjoni skomda"* u għalhekk ma tiġrix ta' spiss, waqt is-simulazzjoni li għamel fuq il-magna *".... urejt lil dawk kollha preżenti, dan jista' jiġri"* (fol. 323).

20. Wara li l-*operator* jagħfas il-buttuna l-ħadra m'għandu qatt ipoġġi jdejh fejn ikun qiegħed jinqata' l-injam. Il-magna li fuqha weġġa l-attur taħdem permezz ta' programm u xogħol l-*operator* hu li jpoġġi u jneħħi l-injam minn fuqha waqt li l-magna tkun wieqfa.

21. Minn dak li spjega l-perit tekniku, bil-mod kif inhi magħmula l-magna, peress li s-*sensors* qegħdin madwar 75cm ogħla mill-art u hemm biss distanza ta' 64cm mix-xafra, persuna twila faċilment toħroġ idejha ma' dik il-parti tal-magna fejn ikun hemm l-injam qiegħed jinqata'. Evidenti għalhekk li s-*sensors* mhumiex miżura ta' sigurta` adegwata.

22. L-inċident seħħ jew f'mument li l-attur kien aljenat u poġġa jdejh fejn mhux suppost waqt li l-magna kienet għadha taħdem jew minħabba li kien rabba' ċertu kunfidenza fuq il-magna.

23. Min-naħa l-oħra inċident bħal dak li ġara f'ambjent ta' fabbrika kellu jkun prevedibbli meta tikkonsidra l-għamla tal-magna (ara ritratti a fol. 268 u 269) u r-ritmu tax-xogħol li jkun hemm fil-fabbrika. Għalhekk iktar u iktar hemm bżonn li jsir *risk assessment* komplet sabiex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa u jiġu evitati inċidenti bħal dan. Mhijiex skużanti l-fatt li l-magna li fuqha weġġa' l-attur baqgħet kif inxtrat. Lanqas ma rriżulta li meta l-konvenuta xtrat u poġġiet il-magna fil-fabbrika, għamlet *risk assessment* fuqha. Hu wkoll fid-dmir tal-prinċipal li jieħu dawk il-miżuri li hemm bżonn sabiex kemm jista' jkun inaqqas ir-riskju għall-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, bħal per eżempju tqegħid ta' *safety guards* li mhux bilfors ikunu parti mill-magna kif ukoll iwaħħal avviżi ħdejn il-magna li jagħtu twissijiet dwar il-periklu. Dan ovvjament bil-parir ta' nies esperti fil-qasam. Dan apparti li t-taħriġ dwar is-saħħa u sigurta` hu essenzjali u għandu jkun kontinwu. Għalkemm John Agius, direttur tal-kumpanija, xehed li hu u bintu kienu jispjegaw lill-ħaddiema dwar kif iħaddmu l-magni li kien hemm fil-fabbrika (fol. 229), dak m'għandux x'jaqsam ma' taħriġ dwar saħħa u sigurta` fuq post tax-xogħol li għandu jsir minn persuni kwalifikati.

24. Meħud in konsiderazzjoni n-nuqqasijiet taż-żewġ partijiet f'dan il-każ, il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta għandha 70% responsabbilta` filwaqt li hemm ħtija kontributorja tal-attur ta' 30%.

25. It-tieni u tielet aggravju jitrattaw dwar il-likwidazzjoni tad-danni, u ċioe`:

i. *Multiplier* eċċessiv. Meta seħħ l-inċident l-attur kellu 39 sena u l-Qorti għamlet kalkoli fuq 24 sena. Il-konvenuta għamlet referenza għall-ġurisprudenza u ssostni li l-*multiplier* għandu jitnaqqas għal 20 sena.

ii. Il-*weighted average* ta' 28% hu eċċessiv, meta tikkonsidra li dak li għandu jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċita` f'sens mediku imma l-effett tal-ħsara personali fuq il-qligħ tal-vittma.

26. Għal dak li jikkonċerna l-*multiplier*, il-Qorti mhijiex tal-fehma li 24 sena huma eċċessivi. M'hemm xejn x'jindika li l-attur ser jieqaf mix-xogħol qabel jilħaq l-eta` pensjonabbli, u dan meta tqis ukoll li llum għandu 51 sena.

27. Fir-rigward tal-grad ta' debilita` l-ewwel Qorti stabbilit persentaġġ ta' 28%. Dan wara li l-espert mediku qal li l-attur sofra minn 10% ta' debilita` fiżika, filwaqt li espert tal-psikjatrija qal li l-attur għandu 20% debilita` psikoloġika. Il-Qorti għamlet użu mill-formula li hemm fid-*Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity*, li mhijiex liġi.

28. L-espert mediku Mr. F. Zammit Maempel qal li l-attur għandu 10% debilita` permanenti wara li tilef is-subgħa l-werrej mill-bażi tiegħu u sofra ħsara fis-subgħa ta' ħdejh. F'dak is-subgħa sab li l-attur għandu rritazzjoni kronika tan-nerv diġitali u ħsara jew dgħjufija tal-muskoli ż-żgħar *".... li minħabba fihom is-seba' tan-nofs inklina, ftit li xejn, lejn is-seba taċ-ċurkett"* (fol. 212). Min-naħa l-oħra l-espert psikjatra Dr Etienne Muscat irrelata li l-attur isfori minn *"Traumatic Neurosis with full blown phobia syndrome..... This carries an assessed permanent impairment of 20% due specifically to his mental disorder"*.

29. Il-ġurisprudenza hi ċara fis-sens li meta persuna ssofri gradi ta' diżabilita permenanti, għandu jiġi addottat kriterju ta' *weighted average*. B'dak il-metodu *".... għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat"* (**Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** tal-31 ta' Jannar 2014).

30. Bil-formula li użat l-ewwel Qorti, ir-rata ta' debilita` hi 28%:[1]

(100 – 20) x 10 = 800/100 = 8 + 20 = 28%.

31. Skont l-aħħar sentenza ta' din il-Qorti (**Rhys Ellul Sullivan v. Zachary Vella** tal-4 ta' Mejju 2022), il-*weighted average* jiġi kalkolat hekk:

[1] L-ewwel Qorti għamlet referenza għall-abbozz ta' regolamenti għal-likwidazzjoni ta' danni f'każ ta' mewt u nkapaċita li nħarġu fl-2010 mill-Ministeru tal-Ġustizzja, li pero` qatt ma saru liġi.

(20 x 20) + (10 x 10) = 500/ (20 + 10) = 16.67%.

32. Minn dak li qalet l-attriċi fl-affidavit (fol. 142) l-inċident biddel lil żewġha fis-sens li sar ikollu dwejjaq, ikun nervuż u b'tempra qasira minħabba ċertu limitazzjonijiet li għandu b'idu l-leminija. Qalet ukoll li żewġha jsib diffikulta biex jaqfel buttuni u jilbes kalzetti waħdu u jsib diffikulta fid-delizju tas-sajd. L-attur żied ukoll li l-ġrieħi li sofra fl-inċident kellhom effett ukoll fuq il-passatemp tal-kaċċa (fol. 44) u jħossu ddisprat meta jiftakar x'kien kapaċi jikkaċja qabel l-inċident. Għalkemm l-attriċi qalet li żewġha kellu s-sengħa li jaħdem l-għamara u wara l-inċident sab impjieg bħala *delivery man*, m'hemmx provi li jikkorraboraw li għandu s-sengħa ta' mastrudaxxa u li f'kull każ mhuwiex kapaċi jagħmel dak ix-xogħol. L-uniku prova ċara li hemm fl-atti hi li l-attur kien jaħdem mal-konvenuta bħala *machine operator*. F'kull każ it-telf tas-subgħa dominanti, fil-każ ta' ħaddiem tal-id, x'aktarx ikollu effett fuq il-kapaċita tal-qligħ tiegħu.

33. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li debilita` permanenti ta' 17% hi biżżejjed għal dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*.

34. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser tibdel il-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* li għamlet l-ewwel Qorti:

€17,684 (salarju) x 24 (snin) x 17% (debilita`) - 20% (tnaqqis ta' *lump sum*) = €57,721.

35. Peress li l-kumpanija konvenuta għandha 70% responsabbilta` għall-inċident, id-danni li għandha tħallas lill-attur huma:

€57,721 + €803.90 = €58,525 x 70% = €40,967.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata tas-26 ta' Jannar 2022 billi minflok:

1. Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta għandha 70% tar-responsabbilta` għall-inċident mertu tal-kawża filwaqt li hemm ħtija kontributorja tal-attur ta' 30%.

2. Tillikwida d-danni li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur fl-ammont ta' erbgħin elf, disa' mija u sebgħa u sittin ewro (€40,967), u tikkundanna lill-konvenuta tħallas dak l-ammont lill-attur.

Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-ewwel sentenza u appell jinqasmu skont il-proporzjon ta' ħtija ta' kull parti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm